**Soċjeta` Filarmonika Vilhena**
**Storja Ta' 140 Sena**

Minn Comm. Simon A. Bonello
(President Onorarju Soċjeta` Filarmonika Vilhena)

Din is-sena, 2014, is-Soċjeta` Filarmonika Vilhena qed tiċċelebra l-140 sena mit-twaqqif tagħha u b'hekk hija waħda mill-baned Maltin l-aktar antiki. Għalkemm l-1874 hija magħrufa uffiċjalment bħala s-sena uffiċjali tat-twaqqif tagħha għal numru ta' snin qabel kienet teżisti fil-Floriana għaqda mużikali magħmula minn dilettanti magħrufa bħala l-Banda tal-Furjana iżda din ma kellhiex każin.

L-eżistenza ta' banda qabel l-1874 tiġi ppruvata skont rapport fil-ħarġa tal-ġurnal (illum ma għadux jeżisti) Ordine tal-1 ta' Novembru 1867 fejn ġie rrapportat li banda Furjaniża ħadet sehem fil-festi li kienu qed isiru fil-Floriana f'unur il-Beatu Beneditt minn Urbino.

Is-soċjeta` filarmonika ġiet mill-ewwel mogħtija l-isem Vilhena mat-twaqqif tagħha fis-sena 1874 f'ġieħ dak il-Gran Mastru li waqqaf il-Floriana. L-ewwel każin kien f'Villa San Kalċidonju, quddiem il-Ġonna Botaniċi. Ġie elett bħala l-ewwel president is-Sur Baldassare Portanier, wieħed mill-aktar negozjanti magħrufa dak iż-żmien fil-Floriana. Jingħad li l-ewwel surmast kien Mro. Giuseppe Borg li ħa l-inkarigu mingħand is-Surmast Karmnu Farrugia li kien idderiġa meta l-banda allura ma kenitx għadha uffiċjalment imwaqqfa.

Mro. Borg kellu l-unur li jkun l-ewwel wieħed minn sensiela twila ta' surmastrijiet diretturi ma' tul dawn l-aħħar 140 sena li għallmu tant alievi li minnhom ħarġu tant mużiċisti tajbin. Numru sewwa ta' surmastrijiet diretturi tal-banda Furjaniża kienu ta' ċerta fama, xi wħud minnhom kienu ukoll mill-belt Furjaniża. Tajjeb insemmu lil Carmelo Farrugia, Giuseppe Scerri, Emmanuele Camilleri, Carmelo Abela, G. Flamingo, Emmanuele Gambin, Nerik Xuereb u Abel Calleja,

Fost oħrajn min bliet u rħula oħra Maltin insibu lis-Surmastrijiet Giuseppe Borg, S. Micallef, Alfred P. Hare, Orlando Crescimanno, Salvu Mallia, Anġlu Galea, Adeodato Gatt, Phillip Gatt u Mro. George Martin li kien id-direttur tal-banda matul iċ-ċelebrazzjonijiet tal-100 sena anniversarju.

Importanti nsemmu wkoll surmastrijiet Taljani li dderiġew il-Banda Vilhena – Angelo Melill, Emmanuele Cali, Giuseppe Monterosso u Giuseppe Giumarra. Mro. Melilli baqa' msemmi għal dak l-innu sabiħ lil San Publju li baqa' magħruf bħala l-Innu ta' Melilli. Man ninsewx surmastrijiet diretturi ta' żmien modern bħal Mro. Michael Borg u dak preżenti Mro. Heathcliffe Balzan.

**Okkażjonijiet Importanti**

Il-Banda Vilhena ħadet sehem b'sodisfazzjon f'diversi okkażjonijiet importanti kemm lokali kif ukoll nazzjonali bħal l-Kungraess Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 u l-Kungress Ewkaristiku Reġjonali tal-1938, it-tnejn saru fil-Floriana. B'rikordju tas-sehem tagħha fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali 1913, lis-Soċjeta` Filarmonika Vilhena il-poplu Furjanniż ippreżentalha bandalora rrakkmata li llum tinżamm b'tant għożża f'waħda mis-swali ewlenin tal-Każin Vilhena. Fl-1973 din il-bandalora għalqet 60 sena filwaqt li din is-sena 2014 issa għalqet 101 skorruti. Illum tinsab mimduda f'vetrina b'wiċċ tal-ħġieġ f'sala ewlenija tal-każin. Tajjeb infakkru li l-vetrina kienet mogħtija bħala rigal mill-Kavallieri ta' Malta, tal-Prijorat tat-Trinita' ta' Villedieu.

Il-Banda Vilhena kienet preżenti waqt ħafna ċelebrazzjonijiet ta' inkoronazzjonijiet, ġublewijiet u żjarat ta' rejiet u rġejjen Brittaniċi. Il-Banda Furjaniża laqgħet b'marċi brijużi lill-Monsinjur F.X. Fenech meta dan ħareġ mill-Belt Valletta wara li ġie kkonsagrat Isqof fil-Kon Kattidral ta' San Ġwann. Mons. Fenech, Kapuċċin mill-Floriana, kien għadu kemm sar l-ewwel Isqof ta' Jahasi fl-Indja. Il-Banda Vilhena kellha sehem importanti fil-Festi Ċentinarji ta' San Publju tal-1925 u fiċ-Ċentinarju tal-Parroċċa fl-1945. Il-Banda Vilhena kellha l-unur li tkun l-ewwel banda li tirrappreżenta lill-Malta Band Clubs Association b'marċ u programm fil-Belt Valletta fil-Festa tat-8 ta' Settembru tal-1949. Matul il-marċ kienet akkompanjata b'karru trijunfali li fuqu kien hemm statwa ta' Malta, l-istess waħda li kienet tintrama quddiem il-knisja Arċipretali. Sfortunatament tkissret bil-maltemp meta kienet armata fi Pjazza Papa Giovanni XX111 waqt li kienet ukoll armata għall-Festa Nazzjonali.

**Kenn għal diversi għaqdiet**

Matul il-140 sena tagħha s-Soċjeta` Filarmonika Vilhena offriet kenn lil diversi għaqdiet kulturali, mużikali, soċjali u sportivi. Min ma jafx li għal ħafna snin il-Floriana Football Club kien taħt l-istess saqaf tagħha. Sakemm il-Floriana F.C. sabu każin għalihom dan il-club, wieħed mill-aqwa f'Malta tal-futbol u l-Vilhena kienu qishom ħaġa waħda. Ħafna kienu l-unuri li l-Floriana F.C. rebħu matul iż-żmien li damu fil-kenn tal-Vilhena. Tant kienu qishom ħaġa waħda li f'laqgħa li nżammet fis-6 ta' Diċembru 1921 ġie deċiż li l-plejers tal-Floriana F.C. jiġu meqjusa bħala li kieku qishom membri tal-Vilhena.

Rikordju sabiħ tal-Floriana F.C. huwa dak it-trofew enormi, Cousis Shield, li l-d-diretturi tal-kumpanija tiegħu Cousis riedu li dan it-trofew jibqa' fil-Kazin Vilhena meta jintemmu l-kompetizzjonijiet għar-rebħ tiegħu. Dan it-trofew jinsab f'wahda mis-swali ewlenin. Qabel l-aħħar gwerra dinjija fil-Floriana kien jeżist tim ieħor tal-futbol, il-Floriana Tigers, għaqda ta' dilettanti li kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa tal-futbol Malti tax-xorta tiegħu. Din l-għaqda sportiva wkoll għamlet żmien għall-kenn tal-Każin Vilhena.

### Il-Każin Vilhena jiġġarraf u ieħor mibni ġdid

Fl-1943 il-Każin Vilhena ġġarraf bil-ħidma tal-għadu. Is-Soċjeta` filarmonika Furjaniża tilfet ħafna mill-propjeta` tagħha fosthom dokumenti importanti inklużi l-minuti ta' laqħat tal-kumitati tagħha. B'hekk il-każin kellu jsib refuġju f'post ieħor. Fl-istess sena, il-kumitat tal-Vilhena rċieva offerta ġeneruża ta' kenn mill-kumitat tal-Lion Sports Club fi Pjazza Sant'Anna. Wara kważi sena s-Soċjeta` Vilhena akkwistat każin għaliha fi Triq il-Kapuċċini. Ġie inawgurat nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru 1944 mill-Maġistrat (aktar tard Imħallef) Dr. J. Caruana Colombo LL.D, ex president u president onorarju u tbierek mill-Arcipriet (aktar tard Monsinjur) Dun Angelo Gigho D.D. Għall-okkażjoni, il-Banda Vilhena għamlet marċ mat-toroq prinċipali tal-Floriana biex tfakkar il-qawmien mill-ġdid tas-Soċjeta`. Fil-każin ta' Triq Kapuċċini, is-Socjeta` Vilhena offriet kenn lill-Floriana F.C., Floriana Tigers F.C. u lill-Ajax F.C.

Is-sena 1950 kienet waħda importanti fl-istorja tal-Każin Vilhena għar-raġuni li ġie nawgurat każin ġdid mibni apposta fi Triq Sant'Anna kantuniera ma' Triq il-Miratur . Sallum dan il-każin għadu s-sede ta' din s-Soċjeta`. Ħafna għaqdiet għamlu użu mill-bini tal-każin il-ġdid.

Għal xi żmien, kull nhar ta' Tlieta, l-orkestra tal-Malta Cultural Institute taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmelo Pace kienet iżżomm kunċerti vokali u strumentali fil-każin il-ġdid. Mill-banda l-oħra, il-Federazzjoni Maltija Lotta kienet tuża s-sala l-kbira ta' fuq nett biex lottarturi taħt id-direzzjoni ta' kowċ internazzjonali Ingliż kienu jagħmlu t-taħriġ tagħhom. Ftit qabel il-ftuħ tal-Festi Ċentinarji tas-Soċjeta` Filarmonika Vilhena u r-Reti Chess Circle immexxi mis-Sur Paul Schembri bdew jużaw waħda mis-swali biex isiru kompetizzjonijiet tal-logħba taċ-Chess.

### Il-Festi Ċentinarji 1874-1974

L- 1974 kienet is-sena li fiha ġie ċċelebrat kif jixraq l-ewwel 100 sena mit-twaqqif tas- Soċjeta` Filarmonika Vilhena. Għall-okkażjoni ġie mwaqqaf Kumitat Organizzattiv biex jgħin fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan avveniment importanti fl-istorja ta' din il-filarmonika. Saru ċelebrazzjoni kif jixraq kemm ġewwa kif ukoll barra biex jiġi mfakkar dan l-avveniment hekk importanti. F'dawk iż-żminijiet kien rari li isqof jiġi jiċċelebra quddiesa f'xi każin. Madankollu, saret eċċezzjoni għall-Każin Vilhena għax fuq stedina tal-Kumitat l-Arċisqof Mons. Michael Gonzi ġie bil-qalb kollha u anke ġie għall-ikla taċ-Ċentinarju fil-Grand Hotel Excelsior (l-antika qabel twaqqgħet).

Il-Festi Ċentinarji kienu jinkludu fost oħrajn kunċert fil-Knisja Arċipretali mill-Banda Vilhena taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur tagħha Mro George Martin li waqtu ġiet ippreżentata mill-Arċipriet (aktar il-quddiem Monsinjur) il-W.R. Salvinu Fenech, bandalora rrakkmata biex tfakkar l-okkażjoni ċentinarja. Kunċert ieħor fl-istess knisja kien dak mill-Orkestra tal-Malta Cultural Institute taħt id-direzzjoni tas-surmast Mro. Chev. Carmelo Pace. Dan il-kunċert ġab fi tmiemu l-Festi Ċentinarja 1874-1974.






**NOEL VELLA**
**Engineering Works**
**Triq il-Gadrajja, Albert Town, Marsa, Malta**

**Tel: (+356) 21236547**
**Fax: (+356) 21251075**
**Mob: (+356) 79499496**
**Email: emavel@maltanet.net**

**We supply**
Single & 3 phase Electric Motors
Bearing Units All Range & Sizes
Reduction Gear Boxes Angle
& Straight Drive Full Range